**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali ta’ Ta’ Xbiex**

# IT-TMIEN LEGISLATURA

## Laqgha Numru 35

**22 ta’ Frar 2022**

**Il-Kunsill Lokali ta’ Ta’ Xbiex iltaqa’ fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu li jinsab fl-indirizz *Highrise Apartments* Triq l-Imradd Ta’ Xbiex XBX1150, fil-hamsa u nofs ta’ filghaxija.**

**PREZENTI:**

**Max Zammit - Sindku**
**Oriana Calleja – Vici Sindku**
**Ronald Portelli - Kunsillier**
**Louise Cachia Castelletti – Kunsillier**
**Eugenio Muscat – Kunsillier**

**UFFICCJAL PREZENTI:**

**Yasmine Tonna – Segretarju Ezekuttiv**

## Minuti

Is-Sindku Max Zammit ippresjeda l-laqgha.

## 35.1 Qari ta' ittri ta' apologiji;

35.1.1 Kulhadd kien prezenti ghal-laqgha.

## 35.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

35.2.1 Il-Kunsillier Ronald Portelli xtaq li issir korrezzjoni tal-minuti kif gej:

34.4.2 – Il-Kunsilliera Eugenio Muscat u Ronald Portelli ma jaqblux li naghtuh lura l-flus minhabba li dan ma kinx zball tal-kunsill.

Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti xtaqtet li ssir korrezzjoni tal-minuti kif gej:

F'punt 34.4.2 xtaqet izzid "li peress li kien sar il-hin, ma xtaqitx tiehu decizjoni ta' malajr, ghaldaqstant tixtieq li tigi diskussa fil-laqgha li jmiss."

34.10.1 - Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti qalet li kien hemm kawza mad-Direttur tax-xoghol, u din inqattet li ma tistax iggieghel lill-haddiem jitlaqqam izda ghandu dritt li jibghatuh jiehu "swab test" kull tlett t'ijiem li din tkun spiza tal-Kunsill jew ta' CWSEF. Hija qalet ukoll li ghalkemm li hija tipprefferi li s-sewwieq jkun mlaqqam, fil-verita l-iktar importanti huwa li jilbes il-maskra. Il-Kunsilliera Eugenio Muscat u Ronald Portelli qalu li l-ilbies tal-maskra mhux bizejjed.

## 35.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti;

35.3.1 Is-Sindku Max Zammit ressaq ghall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-pagamenti, dokumenti li kienu ccirkulati u li ttiehdu bhala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara l-Kunsillier Ronald Portelli ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha. Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti issekondat.

Il-Kunsill unanimament approva l-pagamenti kollha.

## 35.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;

35.4.1 Is-Sindku Max Zammit fakkar li kellhom jergu jiddiskutu hekk ghandniex naghtu €50.00 lura lis-Sur Naudi minhabba nigligenza tal-Kunsill. Wara diskussjoni twila s-Sindku ra li hemm opinjonijiet differenti, ghaldaqstant propona li jittiehed vot, li rrizulta 3 favur 2 kontra.

Il-maggoranza qablet li l-ewwel nippruvaw nikkonvincu lil-Lesa biex jaghtuh il-flus lura huma hekk dawn ma jaccettawx jinhargu mill-flus tal-kunsill.

35.4.2 Is-Sindku qal li s-Segretarju Ezekuttiv infurmatu li l-*Elmo Insurance* jixtiequ japplikaw il-"Communal Disabled Bay" fi Triq Alfred Craig u mhux Triq Abate Rigord.

Il-Kunsill ma jsibx oggezzjoni.

35.4.3 Is-Sindku qal li s-Segretarju Ezekuttiv infurmatu li l-Kuntrattur Ivan Stivala infurmaha li Triq Enrico Mizzi minhabba t-*tower crane* hafna drabi mhux qed ikun hemm bizejjed spazju biex jaghddu 2 karozzi, ghaldaqstant issuggerrixxa li nbidluha ghal *one way* biex ma jkunx hemm traffiku.

Il-Kunsill qabel li l-ewwel ghandna nsaqsu lir-residenti hekk issibux oggezzjoni li ssir *one way*.

## 35.5 Servizz ghal-anzjani bl-Electric Van;

35.5.1 Il-Kunsilliera Eugenio Muscat u Ronald Portelli regghu qajmu l-punt li ma jixtiequx li x-xuffier ma jkunx imlaqqam. Is-Sindku Max Zammit u l-Kunsillier Louise Cachia Castelletti qalu li l-Kunsill jrid jimxi mad-direttivi tal-Awtorita' tas-Sahha u mad-direttivi tax-xoghol. Ghaldqastant gie deciz li d-driver dejjem ghandu jilbes il-maskra kull hin u jmur jaghmel 'swab test' kull gimgha.

35.5.2 Is-Sindku qal lill-Kunsill li rrid jkun hemm decizzjoni f'liem lokalitajiet se naghtu dan is-servizz kif ukoll il-hinijiet.

Is-Sindku ppropona li s-servizz jibda jinghata immedjatament lir-residenti sal-5pm mal-office hours tal-Kunsill u l-Kunsillier Ronald Portelli xtaq l-istess servizz ikun sas-2pm kif jahdem haddiehor u l-quddiem jekk il-Ministeru tas-sahha jzid il-hinijiet, ahna nibdew noperaw sal-5pm is-sena kollha. Wara diskussjoni twila gie deciz li matul ix-xitwa il-hin ikun sal-4pm sabiex ix-xuffier jkollu cans iwassal lin-nies l-ahhar *trip*, filwaqt li jilhqu jiccargjaw u jaghlqu bil-kwiet il-kunsill mal-kumplament tal-haddiema u l-istess ghall-hinijiet tas-sajf li huma mit-8.30 sas-1.00pm.

35.5.3 Rigward s-servizz fil-lokalitajiet gie deciz li naghtu servizz sal-lokalitajiet li jidhlu 5km radius.

Is-Sindku saqsa lill-Kunsill lil min ghandna naghtu dan is-servizz. Wara diskussjoni il-kunsill iddecieda li naghtu prijorita' lill-anzjani u nies vulnerrabli izda rridu nkunu prattiki ukoll. Igifieri hekk ikun hemm xi appuntament diga u gie resident li la huwa anzjan Iaqas vulnerrabli u jrid jmur fl-istess post, dan ghandna naccetawh.

## 35.6

35.6.1 **Twegibiet ghal mistoqsijiet tal-Kunsilliera;**

## 35.7

Ma kienx hemm.

35.7.1 **Items ohra ta' xoghol iehor tal-Kunsill Lokali li jkunu mehtiega;**

Il-Kunsillier Eugenio Muscat qal li ghal xi raguni l-Green Pak ilhom 4 xhur ma jibaghtulna boroz tar-riciklacc. Ghadaqstant jissuggerrixxi li l-Kunsill jixtri ghal xahar boroz tar-riciklacc biex xorta wahda naqdu lir-residenti.

Il-Kunsill qabel.

**35.8**

35.8.1 **Rapporti mill-Kunsilliera;**

**35.9** Ma kienx hemm

35.9.1 **Tmiem tal-laqgha u data tas-Seduta li jmiss;**

Il-laqgha li jmiss ha ssir l-Erbgha 30 ta' Marzu,2022 fil- hamsa u nofs ta' filghaxija.

Il-laqgha intemmet fit-tminja u nofs ta' filghaxija

Konfermati llum it-Tlieta 22 ta' Frar, 2022.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ________________ | ________________ |
| Max Zammit | Yasmine Tonna |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |